# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 250 :: MARZU, 2017



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

**F'MARZU MHUX SE JKOLLNA L-LAQGĦA TAX-XAHAR BĦAS-SOLTU MINĦABBA LI SE JKOLLNA BBQ B'XEJN GĦALL-MEMBRI KOLLHA — 26 TA' MARZU 11.30 AM**

## F'MARZU NILTAQGĦU GĦAND FRANK U DRAGA BONETT




Bħalma qrajtu aktar 'il fuq u kif smajtu fl-aħħar laqgħa li kellna fi Frar fiċ-Ċentru Malti, flok is-soltu laqgħa ta' kull xahar, għax-xahar ta' Marzu se niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, **125 Blackwells Lane, Bulla**. **Il-Ħadd, 26 ta' Marzu għall-BBQ.** Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna BBQ fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu xi qari magħkom. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella** fuq **9460-4404 Mobile: 0409 961 928**. Dawk li jużaw l-*internet* ikunu jistgħu jibagħtu *email* lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna. Ġibu magħkom platt u l-għodda biex tieklu :-)) u naturalment xi tazza għall-inbid.

## IL-QARĊILLA




Spettaklu tal-karnival li rxuxtah id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta bl-għajnuna tal-Kunsill tal-Malti u ta' Horizons (pubblikaturi).

Il-qarċilla hija marbuta mal-Karnival bħalma l-pantomima hi marbuta mal-Milied.

L-awtur tagħha din is-sena huwa l-awtur Immanuel Mifsud. Qabel il-qarċilla, li saret Sant'Anġlu, kien hemm taħdita akkademika ta' Dr William Zammit, jisimha: "Il-Karnival Barokk u kif l-Ingliżi sewwew il-qarċilla".

William Zammit għadu kif sab dokument tal-Ingliżi li pprojbixxa kliem vulgari fl-attivitajiet tal-karnival. U għalhekk, id-doppjusens li kien juża Dun Feliċ Demarco fil-qarċilla tal-1760 ma jidher xejn bħalu fil-qrieċel ta' 100 sena wara. Naturalment, aħna rġajna daħħalnihom.

Din inżammet nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar f'Forti Sant'Anġlu

# Il-MALTIN: *għemilhom, drawwiethom, ġrajjiethom*

**Il-Maltin: għemilhom, drawwiethom, ġrajjiethom, huwa r-rakkont tal-ħajja ta' Maltin u Għawdxin li twieldu fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu l-ieħor, sewwasew meta f' Malta kienet għadha tinħass id-differenza bejn il-ħajja tar-raħal u dik tal-belt. Naqraw l-istorja tal-aħħar tmunier ta' dgħajsa tal-latini qabel ma daħħlu l-magni, ta' familja li għexet fil-batterija ta' Kemmuna, ta' Wied il-Għajnija, għomorha tagħmel il-gambli, ta' bugħaddas Ġirbi jogħdos bil-libsa tar-ras, ta' baħri u ħabbież Qormi, u oħrajn.**

Tispikka l-ħila ta' kif jirrakkontaw l-episodji ta' ħajjethom qishom seħħew ilbieraħ, allavolja xi wħud minn dawn imorru lura sal-irvellijiet tas-Sette Giugno. Tinħass il-ħakma li kellhom fuq l-ilsien Malti u toħroġ il-ħlewwa ta' diskorshom, miżgħud bl-idjomi, bit-tixbih u bl-istħajjil imżewwaq bi kliem li qajla tisimgħu llum.



Il-Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat u r-riċerkatur Steve Borg, waqt it-tnedija tal-ktieb Il-Maltin: għemilhom, drawwiethom, ġrajjiethom.

Dan huwa l-ewwel volum ta' kitba, frott l-erbatax-il sena li l-kittieb Steve Borg iddedika minn ħajtu jintervista lil mijiet ta' nies, biex iħeġġiġhom jaqsmu miegħu t-tifkiriet personali tagħhom li flimkien jintisġu fil-memorja kollettiva tagħna. Minbarra li ġabar dawn l-istejjer bil-fomm, il-kittieb rifed ir-rakkonti b'riċerka wiesgħa fl-arkivji pubbliċi ta' Malta u Għawdex. Huwa ttamat li dan ix-xogħol ikkontribwixxa għall-kultura Maltija billi tefa' d-dawl fuq ħafna tagħrif ġdid.



Dan ir-ritratti juri lir-riċerkatur Steve Borg flimkien mad-diretturi ta' Klabb Kotba Maltin, is-Sur Joseph Mizzi u s-Sinjura Anna Maria Mizzi.

Kif għidna, dan il-ktieb, miktub mill-kittieb Steve Borg huwa l-frott ta' riċerka akkademika li ħadet 18 -il sena. Huwa għamel 14 -il sena jintervista fit-tul numru ta' nies li minkejja li mhux magħrufin barra mit-trufijiet tar-raħal tagħhom, taw xhieda bil-fomm dettaljata tal-ħajja Maltija, Għawdxija u saħansitra fuq Kemmuna sa minn qabel il-gwerra. L-aħħar erbgħa snin għamilhom janalizza t-tagħrif miġbur biex jivverifika jew jispjega dak li bejn ifissru r-rakkontaturi.

Miktub bi stil mexxej u bi kliem Malti għani, Borg perreċ il-ħajja mimlija ħlewwa u mrar, kif ukoll addatata l-metodu Braudeljan, fejn l-istorja soċjali tan-nies komuni tiddomina fir-rakkonti kollha, minflok is-soltu waħda li tiffoka fuq in-nies fis-setgħa, il-politiċi, il-kleru u l-għonja. Il-Prim Ministru Joseph Muscat stqarr li dan il-ktieb huwa għodda importanti bħala memorja kollettiva u l-Pro-Rettur l-Professur Godfrey Baldacchino fisser ir-riżultat tar-riċerka profonda jagħmlu l-ktieb wieħed epiku u li għandu jkun f'idejn min jgħożż l-istorja ta' Malta.

Il-ktieb, li għandu qoxra iebsa, huma mimli b'kważi ħames mitt annotazzjoni u mimli b'ritratti li ma dehru qatt. Il-pubblikazzjoni hija ta' Klabb Kotba Maltin. Dan huwa l-ewwel volum, bit-tieni volum diġa' miktub ukoll mill-pinna ta' dan il-kittieb Wied il-Għajni. Il-ktieb tnieda mill-Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat li qal li dan huwa għodda xierqa ta' memorja kollettiva, filwaqt li l-Pro-Rettur tal-Universita' l-Professur Godfrey Baldacchino semma' dan il-ktieb bħala wieħed epiku u li għandu jsib post fil-librerija ta' dawk li jgħożżu l-istorja ta' Malta.

## *Il-kantanta brava Maltija, Corazon Mizzi, kitbet . . .*



*Il-Maltin: Għemilhom, Drawwiethom, Ġrajjiethom. Ktieb li nirrikmanda lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom dak li hu tagħna, speċjalment l-istorja intima tal-poplu tagħna u l-mod kif għexu missirijietna - storja li sal-bieraħ kienet tinsab arkivjata biss fil-memorja ta' wħud li għexuha, illum mejta. B'paċenzja, ħila u dedikazzjoni kbira, il-kittieb u riċerkatur Steve Borg ilu 14-il sena jintervista lil dawn l-individwi u llum din il-memorja tinsab irreġistrata f'dan l-ewwel volum li tnieda lbieraħ, b'tali mod li jista' jgawdiha u jaqraha kulħadd. Grazzi Steve Borg ta' din il-biċċa xogħol u talli fdajtni bit-tmexxija tas-serata speċjali tiegħek. Ħajr ukoll lil Dominic Galea tal-akkumpanjament fil-kanzunetta 'Karità ma' Tfajla Għamja' bi kliem ta' Ġużeppi Borġ, in-nannu ta' Steve, u ħajr lill-folla kbira li attendiet.*




Department of Premier and Cabinet
Victoria
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

## *Doris Zammit tikteb minn Malta . . .*

# "Il-Ħajja u l-Istorja ta' Ġorġ" magħruf bħala tal-Mużew



*Mix-xellug għal-lemin:* **Doris Zammit, is-Sra Bonello, Tonio Bonello, L-Eċċ. Il-President, Marie-Louise Coleiro Preca, Ġuża, oħt Ġorġ u n-neputija tiegħu, u r-Rispettabbli Sindku, s-Sur John Boxall. Quddiem is-sur Bonello, it-tifla tiegħu u Ġorġ Agius.**

**Ftit aktar minn erba' snin ilu, Tonio Bonello, l-moħħ wara dan il-proġett, direttur maniġerjali ta' 24sevenMedia, minn dak li kien sema' dwaru u partikolarment il-famużi taqbiliet tiegħu, ra f'Ġorġ enċiklopedija oħra umana.**

Għal min ma jafx, Ġorġ la jaf jaqra u lanqas jikteb. Dak kollu li għamel tul ħajtu, ħareġ kollu frott intelliġenza straordinarja li għandu ta' taqbil spontanju, prattikament dwar kollox u kulħadd - xogħol li nistgħu ngħidulu teżor imprezzabbli li se jibqa' jitgawda għal ġenerazzjonijiet li ġejjin.

"Il-Ħajja u l-Istorja ta' Ġorġ Agius magħruf bħala tal-Mużew" jinkludi wkoll xejn anqas minn 15-il personalità prominenti, Maltin u Għawdxin, jitkellmu dwar ħidmietu mill-perspettiva ta' kull studju / professjoni tagħhom rispettivament.

Kemm l-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca kif ukoll il-Kardinal Prospero Grech aċċettataw li jagħmlu daħla għal dan ix-xogħol.

L-istorja ta' Ġorġ, il-ġabra taqbil, l-intervisti, ir-riċerka u l-kumplament ħadu erba' snin sħaħ.

Il-qofol ta' dan ix-xogħol hi l-ġabra mill-isbaħ ta' taqbil, 'il fuq minn tliet mitt taqbila ta' ispirazzjoni, ta' kuraġġ, ta' ħsieb u riflessjonijiet li Ġorġ ħoloq u qasam magħna lkoll Maltin u Għawdxin tul 65 sena ta' żjarat ta' missjoni kontinwa, kuljum iżur postijiet pubbliċi u jikkonsla eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin fl-isptarijiet Maltin fejn minkejja l-età ta' 90 sena, Ġorġ għadu jagħmel ta' kuljum fl-Isptar Mater Dei.

Dan il-ktieb jinkludi numru estensiv ta' ritratti bil-kulur dwar il-ħajja ta' Ġorġ .

L-istorja ta' Ġorġ mhix il-bidu u t-tmiem. Hija l-bidu ta' ġrajja fejn minn żmien għal żmien, jekk Alla jrid se nkunu qed inkomplu nlaqqgħukom ma' aktar persuni bħal Ġorġ, Maltin!

Dan hu l-ewwel volum fis-sensiela ġdida, 'Maltin' li tittratta profili estensivi, mistħarrġa, studjati u riċerkati dwar ħajjet personalitajiet Maltin u Għawdxin li għamlu d-differenza fil-ħajja ta' dawn il-gżejjer.

'Maltin' hu proġett ieħor kunċett ta' 24sevenMedia b'kollaborazzjoni ma' Miller Distributors Ltd u negozji Agenda.



**Fir-ritratt, flimkien mall-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, jidhru l-erbat irġiel li tellgħu lil Ġorġ Agius (quddiem) fis-sular ta' fuq. It-tiene wieħed mix-xellug hu Leli Fabri, li jiġi ħu s-*Social Secretary* tagħna, Salvina Vella, li inċidentalment, missierha ħadem ix-xatt ma' Ġorġ Agius għal ħafna snin.**




Ħu l-opportunità minn din l-okkażjoni unika. Akkwista dan il-ktieb illum, ktieb ideali wkoll li jista' jingħata bħala rigal.

It-tnedija tal-ewwel volum minn sensiela ta' bijografiji dwar personalitajiet Maltin saret is-Sibt 25 ta' Frar fil-kunsill Lokali tal-Birgu, l-belt fejn għex għal aktar minn 90 sena Ġorġ Agius magħruf bħala tal-Mużew. Il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca li attendiet għal din it-tnedija qalet li Ġorġ jgħix ħajja ta' nisrani mill-aktar eżemplari, bla ma jiġġudika lil ħadd. Iddeskriviet lil Ġorġ bħala mudell ta' valuri bħalma huma tjubija, solidarjetà, rispett u dinjità.

Aktar minn 300 taqbila li Ġorġ rnexxielu joħloq tul il-65 sena kemm ilu jdur Malta jqawwi qalb in-nies li jiltaqa' magħhom u li permezz tagħhom huwa sar popolari u maħbub mill-Maltin kollha issa ġew miġbura f'dan l-ewwel volum " Il-Ħajja u l-Istorja ta' Ġorġ Agius, magħruf bħala tal-Mużew."

*Il-Ġabra "Maltin" huwa proġett ta' Tonio Bonello direttur maniġerjali ta' 24sevenMedia flimkien ma' Miller Distributors.*

# IL-KANTILENA TA' PIETRU CAXARO

***Interpretazzjoni Rinaxximentali -- OLIVER FRIGGIERI. Mid-Daħla tal-ktieb:***




**"Hemm l-importanza tagħha bħala xogħol letterarju bikri bil-Malti, imma wkoll, u wisq aktar, bħala dokument li jixħet dawl fuq dik li nixtieq insejħilha 'L-istorja tal-Maltin'.**

Fl-isfond tan-nisġa ta' elementi Għarbin u elementi Sqallin tinkiseb definizzjoni sħiħa tal-Malti bħala djalett li kiber u sar lingwa. Iżda wisq iżjed minn hekk, illum nikkonkludi li hemm ukoll il-muftieħ għall-għarfien etniku tal-istess poplu li jitħaddet ilsien li hu taħlita: Semitiku-Latin.

Ir-rikkezza enormi tal-lingwa Maltija tiftiehem minnufih f'dan id-dawl: hi lingwa li stagħniet billi laqqgħet fiha stess żewġ kulturi kbar."

https://akkademjatalmalti.org/2016/11/13/il-kantilena-ta-pietru-caxaro-interpretazzjoni-rinaxximentali/

# Il-Laqgħa tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria fix-xahar ta' Frar


Laqgħa ta' Frar

**L-aħħar laqgħa tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria inżammet fil-librerija taċ-Ċentru Malti, Parkville, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar, bħas-soltu, l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, fis-7.30 pm.**

Preżenti kien hemm Rosemary u Charles Attard, Paul u Salvina Vella, Ray u Marie Louise Anastasi, Joe u Rose Lofaro, Dr Victor Sammut, Alfred Xuereb, Michael Xuereb, John Muscat, George Portelli u Joe Bonett. Kien hemm apoloġiji minn Frank Bonett, Tony Spiteri u Charles u Sunta Sultana.

Bħas-soltu kien hemm xi diskussjonijiet fuq il-lingwa Maltija.

Għal kull laqgħa l-membri dejjem jiġu mħeġġa biex iġibu xi qari magħhom, kemm qari oriġinali jew ta' awturi oħra.

Dr Victor Sammut qara tliet poeżiji tal-mibki u qatt minsi membru tal-Grupp, Manwel Nicholas Borg: "Bniedem Perfett", "Mill-Kodiċi Ġenetiċi" u "Kieku Shakespeare Kien Malti". George Portell ġieb miegħu ktieb ta' poeżiji li xtara minn Malta fl-aħħar żjara tiegħu, "Il-Poeżija Maltija", ġabra ta' poeżiji miġbura u b'daħla tal-Professur Oliver Friggieri. Iż-żewġ poeżiji li qara kienu t-tnejn ta' Ġorġ Chetcuti: "Il-Mewt ta' Ibni" u "Thewdin".


Laqgħa ta' Jannar

Charles Attard qara poeżija umoristika ta' Trevor Zahra: "Di Nju Moltiż". Michael Xuereb qara rapport li ra fuq Facebook dwar studenti tal-MCAST li għamlu xi filmati fuq poeżiji Maltin. Wara qralna poeżija li kiteb huwa stess: "Il-Mara bl-Għonella". Fl-aħħar kien imiss lil Marie Louise Anastasi li mill-ktieb "Mill-Ġnejna ta' Tfuliti" ta' Carmel G. Cauchi, qrat: "Ċajt u Serjeta`", imbagħad spiċċat billi qrat il-poeżija "F'Jum San Valentinu" tal-Kavallier Joe M. Attard mir-Rabat Għawdex.

Wara li ttieħed ritratt għall-okkażjoni kien hemm bibita fejn kulħadd ħa kikra tè jew kafe`, kejks u gallettini.

Jekk ikun hemm xi ħadd li jħobb il-lingwa Maltija, jikteb jew jaqra bil-Malti u jkun irid jissieħeb mall-Grupp kull m'għandu jagħmel hu li jiġi l-aħħar Ġimgħa tax-xahar fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville fis-7.30 pm, jew ċemplu lis-segretarja, Rosemary Attard, fuq **9338-3920.**




# NISMAGĦHOM JGĦIDU . . .

Mill-pinna prolifika ta' Joe Friggieri joħorġu dawn l-għoxrin novella, mibnija fuq firxa wiesgħa ta' karattri u ambjenti, li jżommuk fuq ix-xwiek sal-aħħar u jibqgħu f'moħħok għal żmien twil wara li taqrahom. Huma stejjer ta' awtur li jaf u jieħu gost jirrakkonta, u li jibqa' jissorprendi lil dawk li huma midħla tax-xogħlijiet tiegħu.

"Magħruf sew għal żewġ ġabriet ta' novelli li ħareġ fl-imgħoddi, il-popolari Stejjer tar-Ronnie u l-brillanti Ħrejjef għal Zmienna, Joe Friggieri issa jippreżentalna ġabra oħra ta' stejjer miktubin bi stili differenti. Uħud minnhom juruna kif jaf jittratta b'mod divertenti ideat li ħaseb u kiteb fuqhom bħala kittieb serju… Ħafna mill-karattri l-aktar interessanti li jesplora Friggieri huma nisa, uħud minnhom ibatu mit-tirannija u l-għira tal-irġiel, u oħrajn li jużaw l-intelliġenza, il-misteru tagħhom u l-qawwa ta' sbuħithom kontrihom… Forsi l-aktar novella qawwija hi dik fejn awtur liberali f'pajjiż tiranniku jipprova jiddefendi ruħu mill-akkużi li fiz-zjal tal-pulizija sarkastiku u bla ħniena jisparalu waħda wara l-oħra. L-azzjoni hawn hi fid-djalogu ħaj li jfakkar lill-qarrej fid-drammi u l-kummiedji li Friggieri kiteb b'suċċess għall-palk Malti."

***Paul Xuereb***

Dan il-ktieb ta' novelli mhux parti mis-sensiela "Nismagħhem jgħidu…Snajja', Għajdut u Karattri mill-Ħajja Maltija" ta' Paul P. Borg

# NILTAQGĦU MA' ALFRED GRECH, MILL-MOSTA



Alfred Grech, mill-Mosta, għamel żmien jgħix il-Canada fejn kellu progrmmi tar-radju u televiżjoni. Alfred iħobb ħafna l-Ilsien Malti u kiteb ħafna xogħlijiet letterarji u artikli ta' nteress. Barra min hekk huwa ħoloq ħafna YouTubes b'kanzunetti Maltin b'xeni sbieħ, kif ukoll YouTubes fuq il-festi Maltin, b'kollaborazzjoni mall-mara tiegħu, Jasmine. Għalkemm Jasmine mhix Maltija, imma hija waħda li tħobb ħafna lil Malta.

Alfred, jikteb versi u mużika ta' kanzunetti Maltin u forsi l-iktar waħda li għamlet suċċess, jisimgħa "Għanja lil Malta" li ġiet kantata mill-kanant Malti, popolari ħafna, Enzo Gusman.

Nisperaw li naraw aktar xogħlijiet ta' Alfred fil-ġejjieni.

Tistgħu tisimgħu il-kanzunetta "Għanja lil Malta" minn dan is-sit: https://www.youtube.com/watch?v=L72_axTDKUg

**Fir-ritratt, Alfred jidher flimkien ma' oħtu f'Marsaxlokk.**